FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

### Seduta ta' nhar It-Tnejn 29 ta' April, 2002

**Avviz Nru:1086/01 PM**

**Westland Travel Agency Limited**

**Vs**

**Chris Micallef ezercenti l-kummerc bhala Business Consulting Services**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmenin Lira Maltin (Lm80) rapprezentanti bilanc talli s-socjeta' attrici kienet inkarigat lill-konvenut sabiex jitlob hlas u jircevi ghandu pagament dovut minghand debitur tal-istess socjeta' attrici;

Peress illi l-imsemmija socjeta' attrici ghandha prova li fill-fatt tali debitur li jismu Carlo Pagliero kien ghamel il- pagament dovut f' idejn il- konvenut permezz ta' zewg pagamenti rispettivi ta' teltin Liri Maltin (Lm30) u hamsin Liri maltin (Lm50) fill-5 ta' Frar, 2001, rispettivament;

Peress illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jghaddi dawn il-pagamenti lis-socjeta' attrici, il- konvenut baqa' inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal ma ghandux jiddikjarah debitur tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' tmenin Liri Maltin (Lm80) raprezentanti pagamenti dovuti lilha u li irceva l-istess konvenut, u jikkundannah ihallas l-istess ammont lis-socjeta' attrici, flimkien ma' l-interessi skond il- Ligi mid-dati li fihom irceva ghandu il-fuq imsemmija pagamenti;

Bl-ispejjes ta' din il-procedura u ta' l-ittra interpellatorja tat-30 ta' Awissu, 2001, li gie ngunt in subizzjoni;

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-Dr.Veronica Aquilina tikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif dedotta bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**